*Talba għall-Viżta Pastorali*

**Il-Ħarsa tagħna lejk tiġbidna, u b'fiduċja bla tarf fik nitolbuk:**

**Mulej Ġesu', Nilqgħu minn idejk, u bħala rieda tiegħek, il-Viżta Pastorali tal-Arċisqof tagħna.**

**Jalla tkun għalina ilkoll esperjenza ta' grazzja, sinjal tal-presenza tiegħek fostna fil-ħajja tagħna ta' kuljum, u okkażżjoni li tressaqna aktar lejk.**

**Nitolbuk biex tagħti l-għerf tiegħek lil Arċisqof tagħna, ħalli jagħraf juri lil kull komunita' parrokkjali t-triq li inti tridna nieħdu; saħħu bil-grazzja tiegħek biex jagħraf iwassal lil kulħadd l-imħabba u l-ħajja ħerġin mill-kustat minfud tiegħek.**

**Nitolbuk biex il-viżta li l-Arċisqof qed jagħmel f'ismek tgħinna biex nimxu fuq il-passi tiegħek rebbieħ fuq il-mewt, f'dinja ħafna drabi għajjiena, mimlija dubji u qerq.**

**Nitolbuk tagħtina qalb miftuħa u ħafna umilta' biex naqbdu mill-ġdid toroq li forsi tlaqna u li nibnu mill-ġdid pontijiet bejnietna li jagħtu ħajja vera.**

**Agħtina l-għajnuna biex naqraw is-sinjali taż-żminijiet u mingħajr biża nfasslu pjan għall-futur. Eħlisna minn kull mentalita' u gudizzju tal-imgħoddi li jtellfuna li nagħrfu aktar fil-fond ir-rieda tiegħek.**

**Għinna biex ngħixu f'komunjoni, u biex nagħtu s-sehem attiv tagħna fil-ħajja tal-Knisja.**

**Nirringrazzjawk tal-ħwejjeġ kbar li għamilt fil-Knisja, tal-ħafna talenti u kariżmi. Għinna biex inwarrbu kull tfixkil li ġej mid-dgħufija u l-limitazzjonijiet tagħna, min-nuqqas ta' impenn u ta' ġenerożita, u biex naħdmu aktar magħqudin flimkien.**

**Vergni Marija u Qaddisin patruni tagħna, itolbu għall-komunita' djoċesana, biex issir dejjem aktar ħajja, sabiħa, qaddisa, missjunarja, għas-servizz tal-bini tas-saltna ta' Alla fid-dinja. Ammen**